MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Numru. 69/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Carmel Mifsud ta' 38 sena bin il-mejjet Albert u Jane' nee' Mifsud imwieled Pieta' fit-28 ta' April 1972 u joqghod Blessed Farm House, Sqaq Dun Guzepp Mifsud, Msida, detentur tal-karta ta'l-identita' 199372(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Mifsud li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Jannar 2008 ghal habta tal-10:00 a.m. fl-area maghrufa bhala Ta' Ganus fil-limiti ta' San Gwann u/jew l-Imsida, dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Joseph Cachia f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterñí u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tiri ta' arma tan-nar fid-direzzjoni ta'

l-imsemmi Joseph Cachia, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu..

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta'l-istess tiri sparati minn arma tan-nar, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta'l-istess Jospeh Cachia hekk kif certifikat mit-tobba ta'l-isptar Mater Dei.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq jew hsara lil proprjeta  kellu fuq  il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tas-7 ta' April 2009;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jidher illi l-imputat kellu razzett fejn kien ighix u minn fejn kien jiggestixxi n-negozju tieghu ta' trobbija ta' annimali ghal produzzjoni fost affarijiet ohra ta' prodotti tal-halib. Illi jidher illi huwa ma ghandux access dirett minn xi triq ghar-razzett tieghu bil-konsegwenza illi kien qieghed isib diffikulta jiggestixxi n-negozju tieghu. L-uniku access li jwassal minn triq principali huwa sqaq jew passagg proprjeta tal-Gvern li madanakollu huwa mikri li certu Emanuel Cachia, missier il-vittma ta' dana ir-reat. Xi zmien qabel dana l-incident l-imputat ipprova ighaddi xi servizzi ta' l-ilma u dawl minn fuq dana il-passagg ghar-razzett tieghu izda huwa gie imwaqqaf minn Cachia kif ukoll mid-Dipartiment ta'l-Artijiet. Kien hemm xi incidenti wkoll fejn Cachia u wliedu

kienu qed jaharqu fl-eghlieqi taghhom tant illi l-bhejjem li kien hemm fir-razzett ta'l-imputat kienu qed ibatu b'konsegwenza ta' dana wkoll. Mix-xhieda ta'l-imputat u anke ta' martu Caroline, jidher illi dawna kienu waslu f'punt ta' ezasperazzjoni totali f'din is-sitwazzjoni fejn in-negozju taghhom kien qieghed ibati tant illi illum jidher illi dana in-negozju falla u l-imputat kellu jsib xoghol alternattiv. Anke l-kundizzjoni ta' sahha ta'l-imputat marret ghall-aghar tant illi huwa spicca jfittex ghajnuna medika sabiex jeghleb dawn il-problemi.

Jidher illi fil-gurnata in kwistjoni, l-imputat kien qieghed ibattal xi demel mir-razzett tieghu ghal xi eghlieqi li kienu jinsabu biswit. Sabiex jaghmel dana huwa kien qieghed jghaddi minn fuq il-passagg in kwistjoni. Fil-fatt jirrizulta illi kien ghamel rampa li jaghti ghal fuq dana il-passagg proprju biex ikollu access dirett mir-razzett u d-dar tieghu ghat-triq. Dana ovvjament ma nizilx tajjeb ma' Cachia u l-familja tieghu. Fil-fatt f'xi hin tfacca Joseph Cachia l-vittma li jghid illi dak in-nhar kien nizel fir-raba' ta' missieru biex jirranga xi hitan tas-sejjiegh li kienu waqghu. Kif ra lill-imputat qed juza il-passagg huwa resaq qrib tieghu u wissieh biex ma ighaddiex minn hemm ghal darba darbtejn. Hawnhekk il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma temminx lil Cachia meta ighid illi dana lanqas biss kellem lill-imputat meta rah hemm ghax allura ma kellu l-ebda raguni 'il ghala jinzel vicin l-imputat u messu telaq minn fuq il-post u irraporta kollox lill-awtoritajiet koncernati. Meta l-imputat ra lil Cachia qieghed jnsisti mieghu, huwa dahal fir-razzett, gab is-senter u hareg barra b'dana is-senter u spara zewg tiri. Dawna ma laqtux lil Cachia. Fil-fatt l-imputat ighid illi dawn l-ewwel zewg tiri huwa sparhom lejn l-art. Jidher madanakollu illi Cachia meta ra li dawn it-tiri ma laqtuhx, ma bezax u minflok telaq mnn fuq il-post resaq iktar qrib l-imputat. Dina l-azzjoni wasslet lill-imputat biex jispara tir iehor fl-arja Hawnhekk Cachia dar u telaq jigri. L-imputat telaq jigri warajh u jghid li spara tir iehor fl-arja. Izda imbaghad meta ra li Cachia baqa' jigri, huwa  waqaf u ma baqax jigri warajh. Illi Cachia sofra griehi ta' natura hafifa konsistenti kollha f'*entry wounds* kagunati minn *pellets* sparati minn senter mill-boghod.

Illi ghalkemm l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija dik dwar it-tentattiv ta'l-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f'dina il-kawza tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat biss ghar-reat tat-tentattiv ta' offiza gravi kif previst fl-artikolu 214, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: **"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta' l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime***

***involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation.”***

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta’ dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

***“So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.”***

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta’ esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b’xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b’hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista’ jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f’dana il-kaz huwa ikollu l-impunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Ighid il-Pofessur Mamo:

***"The law is satisfied if the desistance is volonutary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forebearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."***

Maghmula dawna l-osservazzjonijiet, irid jigi stabbilit jekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat ta' tenattiv ta' offiza gravi. Illi jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. ***"Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."*** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998). Ghalhekk qabel xejn irid jigi stabbilit jekk fil-mument illi l-imputat hareg bis-senter f'idejh mir-razzett tieghu huwa kellux dina l-intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq il-persuna ta' Joseph Cachia.

Illi proprju minhabba f'dina r-raguni jinghad illi fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm it-tentattiv ta' offiza gravi, gialadarba il-mens rea fir-reat dwar l-offiza fuq il-persuna hija bizzejjed li tkun kif inghad iktar 'il fuq wahda generika u mhux specifika ghar-reat li finalment jirrizulta mill-azzjonijiet tal-malvivent. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*** (Notes on Criminal Law). Izda imbaghad izid ***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may***

***be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."***

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: **"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.**

Illi allura huwa essenzjali ghal sejbien ta' htija fir-reat tat-tentattiv ta' offiza gravi illi l-intenzjoni specifika tal-persuna akkuzata tirrizulta minghajr l-icken dubbju li kienet wahda li tigi ikkagunata offiza gravi u mhux semplicement wahda hafifa. Illi mill-provi akkwisiti dana ma jirrizultax. Fil-fatt lanqas irrizulta illi l-imputat ried jikkaguna xi tip ta' hsara fuq il-persuna ta' Cachia peress illi jidher illi l-intenzjoni ta'l-imputat kienet li tbezza' lil Cachia u dana sabiex huwa jitlaq minn fuq il-post u ma idejqux aktar. Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien ipprova bil-mezzi kollha legali ghad-disposizzjoni tieghu jsolvi l-probelma li kellu fuq dana il-passagg. Madanakollu l-affarijiet ma kenux facilment risolvibbli. Kienu anke gew istitwiti proceduri civili li jidher li ghadhom sal-lum pendenti. Huwa kien qieghed isib l-ostakoli minn naha tal-familja Cachia. Haseb ghalhekk illi bl-azzjonijiet tieghu huwa forsi seta' ibezzaghhom sabiex ma jkomplux idejjquh iktar. Ighid: **"M'inhiex naqla' lira minhabba fih. Mhux hu ghalquli l-access. Kemm iddum tissaporti. Hadd ma jista' ighini. Qed il-Qorti. Qed ikolli nuza l-passagg tal-kunjatu. Ikolli nidhol id-dar tieghu u naqbad il-passagg tar-rigel sar-razzett tul ta' erbat itmiem raba'."**[1]

[1] Stqarrija a fol.8 tal-process

Ibda biex mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat a tempo vergine huwa ighid kemm il-darba:

**“Jiena ma ghamiltx biex noqtlu. Kieku ridt qtiltu.”**[2]

**“Jiena ma ridtx nispara go fih li ma mmurx nolqtu u noqtlu. Jiena li jitlaq ‘il-barra biss kien it-tir tieghi.”**[3]

**“Dalma rajt. Tfajtu la genba li ma mmurx nolqtu … Jiena ma ridtx noqtlu.”**

U iktar ‘il isfel jerga’ ighid ghal darba darbtejn **“imma jiena ma ridtx noqtlu.”**[4]

Mistoqsi mill-ufficjal investigattiv: **“Ridt timmankah allura?”** iwiegeb **“Lanqas, mela. Ridtu jitlaq ‘il barra.”**

Illi dana l-imputat qalu wkoll lil kull ufficjal tal-pulizija li dak in-nhar kellmu fosthom lill-Ispettur Carlo Ellul li jixhed: **“Fil-fatt l-imputat lili qalli li huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jispara lejn il-vittma, izda l-intenzjoni tieghu biss kienet li jispara biss lejn l-art sabiex ibezzghu, qalli li kieku ried jispara lejh certament kien jolqtu u jwegghu.”**[5] Dana huwa ukoll ikkoroborat minn PS547 Martin Agius li kien prezenti filwaqt li l-ispettur Ellul kien qieghed ikellem lill-imputat fuq il-post ta’l-incident.[6]

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat imbaghad jerga’ ighid: **“Nghid illi jiena fl-ebda hin ma sparajt fid-direzzjoni tieghu u lanqas ridt naghmel dan. Huwa lanqas kien ‘il boghod minni u li kieku sparajt fid-direzzjoni tieghu jiena zgur kont noqtlu. Kull ma ridt naghmel bis-senter kien illi inbezzaghhom.”**[7]

[2] Staqrrija a fol.10
[3] Staqrrija a fol.13
[4] Stqarrija a fol.14
[5] Xhieda Spettur Carlo Ellul a fol.33
[6] Ara xhieda a fol.168 u 169 tal-process
[7] Ara xhieda ta’l-imputat a fol.317

Illi l-uniku xhud okulari ghal dana l-incident hija mart l-imputat Caroline Mifsud. Hija tirrakonta l-problemi li hi u r-ragel kienu qed jifaccjaw minhabba li ma kellhomx iktar access dirett ghar-razzett taghhom tant illi in-negozju taghhom spicca sfaxxja. Dana gara b'konsegwenza ta'l-azzjonijiet maghmula minn Emanuel Cachia u l-familja tieghu. Ix-xhud tikkonferma illi zewgha spara lejn l-art. Tixhed: **"Ghandi nghid illi jiena fl-ebda hin ma rajt lir-ragel qed jipponta s-senter fid-direzzjoni ta' Cachia u nghid illi huwa dejjem spara lejn l-art."**[8]

Illi il-vittma stess sa certu punt jikkorobbora dawn il-fatti u jixhet dawl fuq x'kienet l-intenzjoni ta'l-imputat. Illi dak in-nhar Cachia kien qed jaghmel xi xoghol f'xi hitan hafna iktar 'il fuq minn fejn kien Mifsud, izda hekk kif rah ghaddej minn fuq il-passagg huwa hass li kellu jersaq qrib tieghu. Kif diga inghad iktar 'il fuq huwa kemmxejn inversomili illi meta Cachia resaq lejn l-imputat huwa ma kellmux kif isostni fix-xhieda tieghu. Hawn il-Qorti ma temmnux. Fil-fatt anke Caroline Mifsud tghid illi minn gewwa l-kcina fejn kienet semghet lil Cachia jhedded lil zewgha. Jidher illi meta l-imputat hareg bis-senter u spara l-ewwel zewg tiri, haga ta'l-ghageb, Cachia ma bezax. Altrocche'! Huwa resaq iktar vicin lejn l-imputat![9] Il-Qorti ma tistax tifhem kif bniedem li ghandu persuna ohra quddiemu b'arma tan-nar f'idejh u li diga' spara zewg tiri minn dina l-arma, jersaq iktar vicin lejn l-aggressur tieghu minflok jitlaq jigi u jahrab b'kemm ghandu sahha! Hekk kif l-imputat rah riesaq lejh ir-reazzjoni tieghu kienet li jerga' jispara u dana sabiex jilhaq l-ghan tieghu li ibezzghu. Minn dana kollu huwa car illi li kieku l-imputat verament kellu l-intenzjoni joqtol jew jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Cachia, huwa kellu kull opportunita' sabiex jaghmel dan!

Il-Qorti hija ukoll konfortata bill-provi cirkostanzjali u l-opinjoni ta'l-esperti nominati mill-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali. Illi r-rapport ewlieni li jindika dan kollu huwa dak imressaq mill-esperti tal-ballistika il-Brigadier Maurice Calleja, PS560 Joseph Farrugia u PS602 Jonathan

---

[8] Ara xhieda a fol.321

[9] Ara xhieda ta' Joseph Cachia in kontro-ezami a fol.307 u 308

Attard.[10] Jikkonludu mill-ezamijiet maghmula minnhom: "***Ghadni nghid finalment illi mir-rizultanzi li ahna sibna fuq il-post meta dawn it-tiri gew sparati, kif diga xehedt, gew sparati fil-baxx hafna u sehh l-effett ta' ricochet fis-sens illi meta dawn gew sparati kien hemm qisu effett ta' ricochet u qisu effett ta' certa rebound. Fil-fatt il-vittma intlaqghat mhux bit-tir li gie sparat fid-direzzjoni ta'l-art, izda minhabba li gara dana l-effett li ahna indikajna u li semmejna cioe' l-effett tar-ricochet.***"

Anke in-natura tal-griehi sofferti mill-vittma jindika dan. Dr. Mario Scerri l-espert mediko legali jikkonkludi fir-rapport tieghu:

***"1.Illi l-lezjonijiet kollha deskritti kienu kompatibbli ma' entry wound kagunati minn pellets sparati minn senter 'il boghod u li allura lahqu infirxu u li kellhom kinetic energy baxxa."***[11]

Illi ghalhekk minn dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta illi l-intenzjoni ta'l-imputat la kienet li joqtol lil Cachia u lanqas li jikkaguna xi forma ta' offiza fuq il-persuna tieghu. L-intenzjoni tieghu kienet li ibezzghu u jgieghlu jitlaq minn fuq il-post. L-azzjonijiet tieghu ghalhekk ma jistghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat ghar-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi ghaliex l-*mens rea* mehtiega ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ma giex ippuvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi madanakollu b'konsegwenza ta'l-azzjonijiet tieghu, l-imputat ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq Joseph Cachia. Dana jirrizulta kemm mic-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Rene Camilleri ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti,[12] kif ukoll mir-rapport tal-espert Dr. Mario Scerri li ighid illi l-lezzjonijiet sofferti minn Cachia kollha kienu ta' natura hafifa u konsistenti ***entry rounds*** kagunati minn ***pellets*** fejn uhud mill-***pellets*** ma kienux aktar prezenti filwaqt li ***pellet*** kienet ghada presenti fuq l-

[10] Rapport Dokument MC1 u xhieda a fol.35 et seq.
[11] Ara rapport a fol.152
[12] Ara xhieda a fol.161

aspett posterjuri tal-ghonq u xi ***pellets*** fuq il-pala tas-sieq ix-xellugija.”

Illi fil-kummissjon ta’ dana ir-reat l-imputat ghamel uzu minn arma tan-nar li kienet illicenzjata fuq ismu. Illi mix-xhieda ta’ SM882 Mario Agius li xehed in rappresentanza tal-Ufficcju ta’l-Armi u mid-dokumenti esebiti minnu jirrizulta illi l-imputat ghandu licenjza ghaz-zamma u garr ta’l-arma tan-nar mertu ta’ din il-kawza u cioe’ senter ta’l-ghamla Pietro Beretta numru serjali U63072E. Illi fin-nota ta’ rinviju l-Avukat Generali jindika li tista’ tinstab htija taht l-artikoli 3, 4 , 5 u 41 ta’l-Att dwar l-Armi il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jirrizulta madanakollu kif inghad illi l-imputat huwa llicenjzat sabiex izomm u jgorr l-arma tan-nar in kwistjoni u ghalhekk certament ma jistax jinstab hati ghal dawn l-imputazzjonijiet. Semmai l-imputat messu gie akkuzat taht id-disposizzjonijiet ta’l-artikolu 55 ta’l-Att, liema disposizzjoni tal-ligi madanakollu ma gietx indikata fin-nota tar-rinviju.

Illi finalment ghar-rigward ta’l-akkuzi ta’ natura kontravenzjonali indikati fin-nota tas-7 ta’ April 2009, dawn kollha jirrzultaw ippruvati u cioe’ l-akkuza dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ai termini ta’ l-artikolu 338(dd), l-akkuza dwar il-hebb, l-ingurji u t-theddid ai termini ta’l-artikolu 339(1)(b) u (e), izda f’dawn ic-cirkostanzi japplika dak dispost fl-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi l-imputat qed jigi misjub hati tar-reat ta’l-offiza hafifa fuq il-persuna.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali esebita a fol. 115 tal-process u ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghal kummissjoni ta’ dan ir-reat. Illi l-Qorti tosserva illi l-partijiet setghu facilment jaslu ghal xi forma ta’ ftehim ghar-rigward ta’l-uzu ta’ dana il-passagg flimkien mal-Kummissarju ta’l-Artijiet u ghalhekk dana l-episodju kollu kien jigi evitat oltre li jigu evitati hafna proceduri civili quddiem il-qrati. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana il-kaz.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 221(1)(2), 338(dd), 339(1)(b) u (e), 17(d), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u l-ahhar akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll ma issibux hati ta'l-akkuza tat-tentattiv ta'l-offiza gravi, issibu hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ta'l-akkuzi kontravvenzjonali kif indikati fin-nota ta' rinviju tas-7 ta' April 2009 u tikkundannah ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti torbot lil hati b'garanzija li ma javvicinax lil Joseph Cachia taht penali ta' hames mitt ewro u dana ghal zmien sena mil-lum.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna lil hati ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elfejn, mitejn u erba' w sebghin euro u hamsa u tletin centezmu (€2,274.35) favur ir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokumenti CAF1 sa CAF12 u Dokument TF esebieti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------